MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 52/2006

**BIM Limited**

**vs**

**Vassallo and Xuereb Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat is-17 ta' Frar tas-sena 2006, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lis-socjeta` intimata sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tlett elef mitejn u sitta u ghoxrin Lira Maltin u tlieta u tletin centezmu, (LM3,226.33,0) rapprezentanti prezz ta'

xoghol u materjal mahdum, mibjugh u kkonsenjat liha fuq inkarigu taghha stess;

2. Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` intimata, u bl-imghax mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv;

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata t-3 ta' Lulju tas-sena 2006, li permezz taghha ecceppiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` intimata, kontestwalment ma' din in-nota responsiva, intavolat kawza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili kontra s-socjeta` rikorrenti ghall-hlas ta' danni fl-ammont ta' ghaxart elef Lira Maltin (LM10,000.00,0);

2. Illi l-kawza fil-Prim'Awla tirrigwarda danni naxxenti minhabba traskruagni, negligenza u/jew esekuzzjoni tax-xoghol mhux skont is-sengha u l-arti da parti tas-socjeta` rikorrenti BIM Ltd fil-galvanizzar u tibjid tal-galleriji u poggiamani fil-kumpless residenzjali Portomaso, San Giljan, li huwa propju l-istess xoghol li ghalih is-socjeta` rikorrenti qed titlob il-hlas tas-somma mertu ta' dina l-kawza;

3. Illi fil-kaz ta' ezitu favorevoli ghas-socjeta` intimata tal-kawza fil-Prim'Awla, is-somma ta' tlett elef, mitejn u sitta u ghoxrin Liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (LM3,226.33,0), pretiza mis-socjeta` rikorrenti jigu pacuti *ipso jure* mad-danni sofferti mis-socjeta` eccipjenti;

4. Illi salv l-ezitu tal-kawza surreferita s-socjeta` eccipjenti m'ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq;

5. Ghaldaqstant is-socjeta` eccipjenti titlob din l-Onorabbli Qorti tordna s-sospensjoni ta' dina l-kawza pendenti sentenza finali tal-kawza surriferita;

Rat it-talba tas-socjeta` intimata datata l-24 t'Ottubru tas-sena 2006, biex il-kawza odjerna tigi sospiza stante kawza ohra pendenti quddiem qorti ohra li titratta l-istess meritu tal-kawza odjerna bejn l-istess partijiet;

Rat ir-risposta tar-rapprezentant legali tas-socjeta` intimata datata wkoll l-24 t'Ottubru tas-sena 2006, li permezz taghha oppona ghal din it-talba indikata fil-paragrafu precedenti;

Rat id-digriet taghha wkoll datat l-24 t'Ottubru tas-sena 2006, li permezz tieghhu, wara li semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward, cahdet it-talba tas-socjeta` intimata u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Rat il-verbal datat it-28 ta' Novembru tas-sena 2006, li permezz tieghu, wara li semghet il-partijiet, ikkoncediet li s-socjeta` intimata tkun awtorizzata tipprezenta nota responsiva ulterjuri;

Rat ir-risposta ulterjuri tas-socjeta` intimate datata s-6 ta' Frar tas-sena 2007, li permezz taghha ulterjorment ecceppiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda stante li, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-appalt li bih kienet inkarigata s-socjeta` rikorrenti ma sarx skont is-sengha u l-arti;

2. Din l-eccezzjoni qed issir minghajr pregudizzju ghal danni ulterjuri vantati mis-socjeta` esponenti kontra s-socjeta` rikorrenti mertu tar-rikors numru 603/2006 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

3. Ghaldaqstant is-socjeta` esponenti titlob din il-qorti tichad *in toto* it-talbiet attrici;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet kostretta tirrikorri ghall-procedura odjerna wara li diversi fatturi minnha mahruga fil-konfront tas-socjeta` intimata baqghu ma gewx minnha saldati kif pretiz;

2. Illi dawn il-fatturi, li komplessivament jammontaw ghall-ammont indikat mis-socjeta` rikorrenti fit-talba taghha indikata fir-rikors promotur, kienu dovuti ghal xogholijiet ta' galvanizzar u zebgha li kienu saru skont is-sengha u l-arti, ikkonsenjati regolarment lis-socjeta` intimata, u stallati fil-fond maghruf bhala Portomaso, San Giljan;

3. Illi ghalkemm jirrizulta li saru xi tentattivi li jintlahaq xi ftehim bejn il-kontendenti dawn ma kkonkretizzawx ruhhom nonostante li jirrizulta li rapprezentant tas-socjeta` intimata kien telefonikament jikkonferma li s-socjeta` li kien jirrapprezenta, kellha taghati l-ammont pretiz lis-socjeta` rikorrenti, (ara fol 26);

4. Illi konsegwenza ta' dan, is-socjeta` rikorrenti ma kellhiex alternattiva ohra hlief li tipprocedi bil-proceduri odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tas-socjeta` intimata tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta` intimata kienet inghatat kuntratt biex tahdem il-gallariji u r-*"railings"* kollha tal-fond Portomaso, San Giljan;

2. Illi minn naha taghha, din is-socjeta` intimata inkarigat lis-socjeta` rikorrenti biex tiggalvanizza u tisprejja x-xoghol involut;

3. Illi skont rapprezentant tas-socjeta` intimata meta tul din ir-relazzjoni bejn dawn iz-zewg intraprizi beda jigi nstallat ix-xoghol, dan beda jissaddad u z-zebgha bdiet titqaxxar;

4. Illi meta dan il-fatt gie migjub a konjizzjoni tas-socjeta` rikorrenti, din jirrizulta li ghal xi zmien effettwat xi xogholijiet korrettorji, izda ma komplietx;

5. Illi s-socjeta` intimata tallega li rizultat ta' dan sofriet danni ta' tletin elf Lira Maltin, (LM30,000.00,0), (ara fol 30), jew ta' hamsin elf Lira Maltin, (LM50,000.00,0), (ara fol 45);

6. Illi ghaldaqstant is-socjeta` intimata ikkontestat il-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza in dizamina tippernja fuq il-fatt jekk in-negozju pattwit bejn il-partijiet kienx wiehed konkluz b'mod preciz u dettaljat jew wiehed generiku;

Illi jirrizulta li meta s-socjetajiet kontendenti ikkonkludew in-negozju bejniethom jirrizulta li dan kien wiehed generiku u mhux wiehed dettaljat;

Illi dan jirrizulta mis-segwenti:

"Mistoqsi jekk tajtx *specifications* lil BIM Ltd, nghid li jiena ma tajthomx. Mistoqsi jekk Spinola Development Ltd. Tawnix xi *specifications,* nghid illi le, ma tawnix lanqas. Mistoqsi jekk tlabtx xi *specifications* lil din is-socjeta` nghid illi le", (ara fol 57);

Ikkunsidrat:

Illi din il-laxkezza kwantitattiva hi preokkupanti ferm l-aktar meta wiehed jikkonsidra li meta si tratta ta' *"railings"* u gallariji tal-hadid, kwistjonijiet ta' sigurta` u ta' inkolumita` zgur li ghandhom jinghataw prijorita`;

Illi nonostante dan, jidher li l-partijiet kienu kuntenti jinnegozjaw jew fl-ghama jew a bazi ta' xi uzanza minnhom maghrufa fin-negozju partikolari li pero`, hadd minnhom ma ndenja ruhu jillumina lill-qorti fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost, gialadarba s-socjeta` rikorrenti forniet materjal adegwat, fejn id-diskrepanzi li rrizultaw kienu jidhlu fin-norma tax-xoghol in dizamina, allura s-socjeta` intimata m'ghandhiex ghalfejn tilmenta u dan, *molto piu`,* ghaliex grossolanament naqset hi stess milli tirrikjedi specifikazzjonijiet precizi kif normalment isir f'dawn ic-cirkostanzi, u kif effettivament uriet li kienet kapaci tirrikjedi f'din il-procedura – meta allura kien tard wisq;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti tirrespingi r-risposta u r-risposta ulterjuri tas-socjeta` intimata u takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentment:

1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata Vassallo and Xuereb Limited biex thallas lis-socjeta` rikorrenti BIM Limited l-ammont ta' tlett elef mitejn u sitta u ghoxrin Lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (LM3,226.33,0) ekwivalenti ghal sebat elef hames mija u hmistax-il Ewro u tlieta u tletin centezmu (€7515.33), rapprezentanti prezz ta' xoghol u materjal mahdum, mibjugh u kkonsenjat lill-istess socjeta` intimata fuq inkarigu taghha stess;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------